A.L. 41 tal-2026

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli għas-servizzi tal-enerġija u l-ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Elettriku u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Elettriku, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 545.34.

Jissostitwixxi r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IR-RABA' SKEDA
(regolament 54A)

Ir-rata determinata bħala s-sostitut tal-prezz tas-suq	**Sena**
Għaxar ċenteżmi u tmienja u erbgħin milleżmi (€0.10,48) għal kull kWh	2024
Għaxar ċenteżmi u sebgħin milleżmi (€0.10,70) għal kull kWh	2025
Għaxar ċenteżmi u sittin milleżmi (€0.10,60) għal kull kWh	2026".